MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 73/2003

**Cassar & Cooper (S&I) Limited**

**vs**

**Topserv Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija u erbghin Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (LM2,140.39) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lilhom fuq ordnijiet taghhom stess skond prospett hawn anness u mmarkat Dok. "A";**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 69 8 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------